# PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**IMĦALLEF**

**ONOR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

Rikors Nru: **744/2021 (AD)**

## GRACE GATT (KI 34568G)

**VS**

## KUMMISSARJU TAL-PULIZIJA

**Seduta tat-Tlieta, ħamsa (5) t'April 2022**

**Il-Qorti**:

1. Din hija sentenza preliminari dwar dak illi jirrigwarda l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-Kummissarju tal-Pulizija kif delineata fil-paragrafu enumerat bin-numru wieħed (1) tar-risposta ġuramentata tiegħu, datata 13 ta' Settembru 2021;

**Preliminari**

2. B'rikors ġuramentat preżentat nhar id-disgħa u għoxrin (29) ta' Lulju 2021, Grace Gatt talbet lil din il-Qorti sabiex, in suċċint, tiddikjara lill-Kummisarju

tal-Pulizija responsabbli għad-danni minnha sofferti per konsegwenza tal-fatt illi ġiet imkeċċija mill-Korp tal-Pulizija b'mod illi ġie dikjarat mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem bħala leżiv għad-dritt fundamentali tar-rikorrenti kif sanċit mill-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, tillikwida l-istess danni bħala *lucrum cessans* u *damnum emergens*, u tikkundanna lill-Kummissarju tal-Pulizija jħallas is-somma li hekk tiġi likwidata, bl-ispejjeż kontra l-Kummissarju tal-Pulizija;

3. B'risposta ġuramentata preżentata nhar it-tlettax (13) ta' Settembru 2021, il-Kummissarju tal-Pulizija ressaq numru t'eċċezzjonijiet għat-talbiet ta' Grace Gatt, fosthom żewġ eċċezzjonijiet ta' natura preliminari, u cioe:

    a. Illi t-talbiet tar-rikorrenti gal danni *damnum emergens* u *lucrum cessans* huma preskritti skont l-Artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili. Dan peress illi dak it-terminu ta' sentejn jibda jiddekorri mill-fatt allegatament doluż, li f'dan il-każ seħħ f'Diċembru 2006. Il-konvenut isostni illi xejn ma kien jipprekludi li r-rikorrenti tressaq l-azzjoni ċivili li qiegħda tmexxi llum fi żmien sentejn mill-fatt allegatament doluż, anke jekk simultanjament mal-proċeduri kostituzzjonali li hija kienet intavolat. Konsegwentement, il-Kummissarju tal-Pulizija qed jargumenta illi din il-Qorti għandha tiddikjara t-talbiet proposti fir-rikors promotur bħala preskritti u dan fl-istadju *limine litis,* stante illi ma jeżisti ebda ħtieġa fil-każ odjern illi jiġi analizzat il-mertu;

    b. Illi l-azzjoni attriċi hija improponibbli, stantei lli azzjoni sabiex timpunja deċiżjoni dwar tkeċċija u konsegwentement l-għoti o meno ta' pensjoni taqa' taħt l-import tad-definizzjoni ta' egħmil amministrattiv ai termini tal-artikolu 469A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħid illi ladarba l-azzjoni attriċi hija azzjoni dikjaratorja kombinata ma' talbiet għal danni, mhux previst illi din il-Qorti talloka danni ċivili qabel ma tħassar l-egħmil amministrattiv abbażi tad-dettami tal-artikolu 469A, u, kemm-il darba dan m'intalabx, l-azzjoni attriċi għandha tiġi dikjarata bħala improponibbli u m'għandhiex tiġi akkolta;

4. Waqt is-seduta tat-tmienja (8) t'Ottubru 2021, il-Kummissarju tal-Pulizija talab illi tingħata deċiżjoni dwar l-ewwel eċċezzjoni preliminari tiegħu, u cioe l-eċċezzjoni preliminari illi tirrigwarda l-preskrizzjoni, u din il-Qorti laqgħet it-talba u ddiferixxiet il-kawża għall-provi tal-partijet, u, jekk ikun il-każ, għat-trattazzjoni dwar l-ewwel eċċezzjoni preliminari għas-seduta tat-tnax (12) ta' Novembru 2021;

5. Din il-Qorti rat u semgħet lill-partijiet iressqu l-provi u dokumentazzjoni tagħhom dwar l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-konvenut, semgħet it-trattazzjonijiet orali rigward l-istess eċċezzjoni, u ħalliet il-kawża għas-seduta tal-lum, għal sentenza dwar l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-Kummissarju tal-Pulizija.

**Fatti tal-Każ**

6. In suċċint, jirriżulta mir-rikors promotur u mill-fatti esposti fir-risposta ġuramentata illi r-rikorrenti daħlet membru fil-Korp tal-Pulizija nhar l-14 ta' Ġunju 1990, u sussegwentement tkeċċiet mill-Korp tal-Pulizija wara illi ttieħdu proċeduri dixxiplinarji quddiem il-Bord tad-Dixxiplina u sussegwentement quddiem il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, illi kienet irrakkomandat it-tkeċċija tal-istess rikorrenti mill-Korp;

7. Ir-rikorrenti ntavolat proċeduri ta' natura kostituzzjonali fil-Qrati Maltin, u sussegwentement fil-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, fejn ilmentat illi fil-proċeduri quddiem il-Bord tad-Dixxiplina u quddiem il-Kummissjoni tas-Servizz Pubbliku ġie leż id-dritt tagħha għal smigħ xieraq kif sanċit fl-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem;

8. Eventwalment ġie dikjarat mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem b'sentenza tat-tmienja (8) ta' Jannar 2019 illi saret finali nhar it-tmienja (8) ta' Jannar 2020, illi fit-tkeċċija tagħha kien hemm ksur tal-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewoprea fil-proċeduri quddiem il-Bord tad-Dixxiplina u tal-

Kummissjoni tas-Servizz Pubbliku. F'din is-sentenza, il-Qorti Ewropea ddikjarat illi r-rikorrenti kellha drittijiet illi huma konnessi mat-terminazzjoni tal-impieg tagħha, iżda, għalkemm ir-rikorrenti talbet lill-Qorti Ewropea tillikwida danni pekunjarji sofferti minnha minħabba (a) telf ta' salarju minn Novembru 2006 sa Ġunju 2015 u (b) telf ta' penzjoni meta jiġi kkalkulat illi kienet għalqet 25 sena ta' servizz mal-Korp, il-Qorti Ewropea qalet illi hija ma tidħolx fil-mertu ta' proċeduri dixxiplinarji u d-deċiżjoni li ttieħdet, u għalhekk ma setgħetx tagħti danni pekunjarji. Madanakollu, il-Qorti Ewropea tat danni morali għall-vjolazzjoni ta' proċess mhux ġust meta tkeċċiet mill-Korp, *"without prejudice to any further remedies she may have domestically"*;

9. Ir-rikorrenti qed tikkontendi illi hija sofriet u għadha qed issofri danni per kawża tad-deċiżjoni li ttieħdet mill-Bord tad-Dixxiplina u l-Kummissjoni tas-Servizz Pubbliku, u għalhekk intavolat il-kawża odjern illi, permezz tagħha, qed titlob lil din il-Qorti tiddikjara lill-Kummissarju tal-Pulizija responsabbli għad-danni minnha sofferti u tillikwida l-istess danni bħala *lucrum cessans u damnum emergens*, u tikkundanna lill-istess Kummissarju jħallas is-somma li tiġi hekk likwidata.

**Il-Qorti**

10. Wara illi reġgħet rat ir-rikors ġuramentat ta' Grace Gatt datat 29 ta' Lulju 2021;

11. Wara illi reġgħet rat ir-risposta ġuramentata tal-Kummissarju tal-Pulizija datata 13 ta' Settembru 2021, u d-dokument anness magħha;

12. Rat il-verbal tas-seduta tat-8 t'Ottubru 2021, fejn ġie deċiż illi l-Qorti kienet sejra tiddeċiedi fuq l-ewwel eċċezzjoni ta' natura preliminari tal-Kummissarju tal-Pulizija qabel tidħol fil-mertu tal-kawża odjerna;

13. Rat is-sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fl-ismijiet *Grace Gatt v. Malta* (Applikazzjoni Nru 46466/16) annessa mar-risposta

ġuramentata tal-Kummissarju tal-Pulizija bħala **Dok KP1**, il-kopja legali tal-ittra uffiċjali bin-numru 1633/2020 mibgħuta mir-rikorrenti lill-Kummissarju tal-Pulizija u datata tnejn u għoxrin (22) ta' Ġunju 2020, il-proċess tal-kawża Kostituzzjonali Rik Nru 6/2009 fl-ismijiet *Grace Gatt vs Avukat Ġenerali* kif allegati, u x-xhieda tal-iSpettur Saviour Baldacchino mogħtija *viva voce* waqt is-seduta tat-tnax (12) ta' Novembru 2021, kif ukoll id-dokumenti esebiti minnu (**Dok SB1** u **Dok SB2**);

14. Semgħet it-trattazzjonijiet tal-partijiet rigward l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-Kummissarju tal-Pulizija;

15. Rat il-verbal tas-seduta tal-11 ta' Frar 2022, fejn ġie dikjarat illi l-kawża kienet qed tiġi differita għas-sentenza fuq l-istess eċċezzjoni;

16. Tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

**Konsiderazzjonijiet**

17. Il-Kummissarju tal-Pulizija qiegħed jibbaża l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni tiegħu l-konvenut huwa l-Artikolu 2153 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta, u cioe:

> *2153. L-azzjoni għall-ħlas tal-ħsarat mhux ikkaġunati b'reat taqa' bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' sentejn.*

18. Fit-trattazzjoni orali tiegħu rigward l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni, il-Kummissarju tal-Pulizija jsostni illi filwaqt illi huwa minnu illi kien hemm sentenza tal-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem illi sabet leżjoni tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, fl-istess sentenza l-Qorti Ewropea qalet ukoll illi hija ma kellhiex il-kompetenza tiddeċiedi dwar danni ċivili. Il-konvenut jissottometti illi hemm distinzjoni bejn il-kawża Kostituzzjonali rigward l-Artikolu 6 u l-kawża odjerna, u li r-rikorrenti ma tistax tistrieħ fuq il-kawżi Kostituzzjonali biex tippretendi li ġew sospiżi t-termini tal-preskrizzjoni tad-danni ċivili. Huwa jargumenta illi r-rikorrenti, se mai,

messha ressqet talba quddiem il-Qorti kompetenti fiż-żmien meta hija tkeċċiet, liema tkeċċija saret fil-bidu tas-sena 2007;

19. Mill-banda l-oħra, fit-trattazzjoni orali tagħha dwar l-istess eċċezzjoni, ir-rikorrenti tagħmel referenza għas-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Il-Perit Dr Rene Buttigieg vs Il-Ministru għall-Iżvilupp et***[1], u ssosti illi f'kawżi Kostituzzjonali ma tapplikax preskrizzjoni, ħlief ta' tletin sena. Ir-rikorrenti tissottometti illi l-Qorti Ewropea, meta ddikjarat illi d-deċiżjoni tagħha kienet, *"Without prejudice to any further ... she may seek domestically",* irriservatilha d-drittijiet illi hija setgħet tfittex f'Malta. Konsegwentement, jekk kellu jibda jiddekorri terminu preskrittiv ta' sentejn, dan kellu jibda jiddekorri minn meta l-Qorti Ewropea tat id-deċiżjoni tagħha, u cioe mit-8 ta' Jannar 2020;

20. Fl-ewwel lok, u sabiex tiċċara d-diversi punti illi tqajmu mill-partijiet fit-trattazzjoni orali tagħhom, din il-Qorti tibda billi tafferma illi l-Kummissarju tal-Pulizija għandu raġun meta jsostni illi l-kwestjoni illi tqajmet dwar preskrizzjoni fil-kawża fl-ismijiet ***Il-Perit Dr Rene Buttigieg vs Il-Ministru għall-Iżvilupp et*** kienet ferm diversa minn dik odjerna. Fil-kawża ċitata, il-konvenuti kienu eċċepew id-dewmien bejn l-allegat ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent u l-bidu tal-proċeduri Kostituzzjonali, peress illi r-rikors promotur kien ġie intavolat fl-1991, mentri l-lamentali tar-rikorrenti kienu jirrigwardaw fatti li ġraw bejn l-1973 u l-1978. Difatti, waħda mill-konvenuti saħansitra qalet illi, *"donna li din l-azzjoni saret għaliex l-azzjoni l-oħra għad-danni kienet preskritta"*. Hekk kif jissottometti tajjeb il-legali tar-rikorrenti, il-Qorti Ċivili (Prim'Awla) (Sede Kostituzzjonali) irritjeniet:

> *F'dan ir-rigward għandu jingħad li fil-kawża fl-ismijiet "Il-Perit Joseph Barbara vs Onorevoli Prim'Ministru" (7 ta' Ottubru 1997) ġie deċiż li fin-nuqqas ta' provvediment statutorju li jirregola l-materja, l-azzjoni li toriġina mill-*

[1] Rik Nru 327/1991/1, Qorti Ċivili Prim'Awla (Sede Kostituzzjonali), Onor Imħ Gino Camilleri, 8 t'Ottubru 2010. Għalkemm ġie intavolat appell minn din is-sentenza, tali appell ġie dikjarat irritu u null għax ġie ippreżentat *fuori termine* (vide Appell Ċivili Nru 327/1991/3 fil-Qorti Kostituzzjonali fl-istess ismijiet, 28 ta' Novembru 2011)

*vjolazzjoni tal-jedd fondamentali mhux soġġetta għall-ebda preskrizzjoni. Id-dewmien tal-vittma biex jaġixxi ma jippreġudikax id-dritt ta' azzjoni. Jista' pero, ikun fattur li jinfluwixxi fuq l-apprezzament tal-gravita' tal-allegata vjolazzjoni. Dan il-prinċipju ġie ribadit mill-Qorti Kostituzzjonali fil-kawża "Joseph Mary Vella et vs Kummissarju tal-Pulizija et." Kwindi, peress illi kif ġie osservat, ma tirriżultax minn imkien xi disposizzjoni legali li tistabilixxi li azzjoni bħal presenti hi soġġetta għall-preskrizzjoni, s-sottomissjoni relattiva tal-kjamati fil-kawża ma tista qatt tiġi akkolta.*

Madanakollu, jidher b'mod mill-aktar ċar u mingħajr ebda ombra ta' dubju illi dak enunċjat mill-Qorti Ċivili (Prim'Awla) (Sede Kostituzzjonali) ma kienx jirrigwarda l-preskrizzjoni illi tiddekorri f'kawża għad-danni ċivili, iżda preskrizzjoni illi tiddekorri kontra kawża ta' natura Kostituzzjonali per se**.** Għaldaqstant, ir-rikorrenti ma tistax issib konfort f'dak enunċjat fis-sentenza minnha ċitata, stante illi l-prinċipji legali hekk enunċjati ma japplikawx għall-vertenza odjerna;

21. Dwar l-istess punt, il-Qorti Ċivili (Prim'Awla) (Sede Kostituzzjonali), rinfaċċjata b'eċċezzjoni illi azzjoni għad-danni miġjuba quddiemha kienet waqgħet bil-preskrizzjoni ta' sentejn ai termini tal-Artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili, fis-sentenza fl-ismijiet ***Rosette Fenech et vs Awtorita' tad-Djar et***[2], spjegat:

*Filwaqt li tirreferi għall-kunsiderazzjonijiet magħmulin hi u tistħarreġ l-eċċezzjoni preliminari ta' qabilha, tgħid li l-kumpens li jingħata minn din il-Qorti f'każ ta' sejbien ta' ksur tal-jedd fundamentali tar-rikorrenti m'għandux jitħallat mal-likwidazzjoni tad-danni ċivili mitluba u mogħtija f'azzjoni akwiljana. Dan sewwasew għaliex dak ir-rimedju huwa*

[2] Rik Nru 81/2016, Qorti Ċivili (Prim'Awla) (Sede Kostituzzjonali), Onor Imħ Joseph R. Micallef, 13 ta' Mejju 2021 (in ġudikat)

*maħsub f'dawk iċ-ċirkostanzi fejn ikun instab ksur ta' jedd fundamentali, u fejn l-għoti ta' kumpens fi flus irid jagħmel b'xi mod tajjeb għal meta r-rimedju mogħti ma jkunx wassal għar-"restitutio in integrum". Mela, l-għajn tal-kumpens mogħti f'azzjoni bħal din li l-Qorti għandha quddiemha llum mhuwiex il-fatt tal-egħmil delittwali jew kważi-delittwali, imma s-sejbien tal-ksur tal-jedd fundamentali. Għalhekk, id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili ma jgħoddux għal azzjoni bħal din. Meta, imbagħad, il-parti mġarrba tibqa' ttenni l-ksur tal-jeddijiet tagħha sa dakinhar li l-Qorti tagħraf il-ksur, ikun ta' xejn li wieħed jitkellem dwar preskrizzjoni, tkun ta' liema xorta tkun;*

Din il-Qorti għalhekk tiddikjara illi hija taqbel mal-Kummissarju tal-Pulizija in kwantu jissottometti illi l-mertu tal-kawża odjerna bħala kawża għal danni ċivili, u l-preskrizzjoni relattiva għall-istess, hija separata u distinta minn kawża ta' natura Kostituzzjonali u n-natura ta' kumpens illi jista' jingħata fl-istess;

22. Fit-tieni lok, il-Qorti sejra tqis jekk l-artikolu tal-preskrizzjoni eċċepit, u cioe l-Artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili, isibx applikazzjoni għaċ-ċirkostanzi tal-każ odjern. Ġie ritenut, fost oħrajn, fis-sentenza fl-ismijiet ***Johan Carabott et vs Emmanuel sive Leli Busuttil et***[3]:

*Illi għall-finijiet ta' preskrizzjoni, il-liġi tagħraf tliet għamliet ta' azzjoni għad-danni, u jiġifieri (a) azzjoni dwar ħsarat imnissla minn għemil li jikkostitwixxi reat, f'liema każ, iż-żmien tal-preskrizzjoni huwa dak imfisser mil-liġi biex issir l-azzjoni kriminali dwar l-istess reat; (b) azzjoni għall-ħsarat imnisslin minn delitt jew kważi-delitt (l-hekk msejħa culpa aquiliana), f'liema każ il-preskrizzjoni hija ta' sentejn (prinċipju rifless fl-artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili); u (ċ)*

[3] Rik Nru 286/09, Qorti Ċivili (Prim'Awla), Onor Imħ Joseph R Micallef, 17 ta' Jannar 2019

*azzjoni għall-ħsarat imnissla minn nuqqas ta' twettieq ta' obbligazzjoni li mhix imfissra f'att pubbliku, f'liema każ il-preskrizzjoni hija dik ta' ħames (5) snin. Kieku l-obbligazzjoni tkun imfissra f'att pubbliku, jidher li l-preskrizzjoni tkun dik ta' tletin (30) sena, u dan għaliex iż-żmien preskrittiv dwar in-nuqqas ta' twettiq ta' obbligazzjoni kuntrattwali huwa dak relattiv għall-obbligazzjoni nnifisha;*

M'hemm l-ebda dubju illi l-każ in eżami si tratta każ illi jinkwadra ruħu bħala azzjoni għall-ħsara mnissla minn delitt jew kważi-delitt, cioe *culpa aquiliana*, u dan jirriżulta mit-talbiet tar-rikors promotur, fejn ir-rikorrenti ssostni illi hija sofriet u għadha qed issofri danni per kawża tal-aġir tal-Kummissarju tal-Pulizija, u ntavolat il-kawża odjerna għal danni pekunjarji ossia danni bħala *lucrum cessans* u *damnum emergens*. Konsegwentement għandu japplika t-terminu preskrittiv ta' sentejn ai termini tal-Artikolu 2153 tal-Kap 16;

23. Fit-tielet lok, din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tara minn meta għandu jibda jiddekorri ż-żmien preskrittiv considerando ċ-ċirkostanzi tal-każ odjern, u dan peress illi t-terminu preskrittiv eċċepit mill-konvenut huwa wieħed estintiv;

24. L-Artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili ma jistax jinqara b'mod iżolat, iżda għandu jinqara fid-dawl ta' dak stabbilit fl-Artikolu 2137 tal-Kap 16, u cioe:

*2137. Bla ħsara ta' dispożizzjonijiet oħra tal-liġi, il-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda minn dak in-nhar li din l-azzjoni tista' tiġi eżerċitata; mingħajr ma jittieħed qies tal-istat jew tal-kondizzjoni tal-persuna li lilha din l-azzjoni tmiss.*

Għalkemm, mad-daqqa t'għajn, dan il-provvediment tal-liġi jagħti l-impressjoni illi ma jirrikjedi l-ebda spjegazzjoni ulterjuri, dan mhux il-każ meta wieħed japplikah għaċ-ċirkostanzi tal-każ odjern, fejn ma tirriżultax

b'mod evidenti d-data minn meta setgħet tiġi eżerċitata l-azzjoni odjerna mir-rikorrenti. Difatti, dan huwa l-punt ta' vertenza bejn il-partijiet, stante illi, fuq naħa waħda, ir-rikorrenti qed ssostni illi hija ma setgħetx tintavola l-proċeduri odjerni qabel jiġu deċiżi l-kawżi Kostituzzjonali, filwaqt illi, fuq in-naħa l-oħra, il-konvenut jargumenta illi r-rikorrenti setgħet intavolat kawża ċivili għad-danni hekk kif tkeċċiet, separatament minn dik Kostituzzjonali;

25. Din il-Qorti tinnota illi l-argument illi fuqu qed tibbaża l-pożizzjoni tagħha r-rikorrenti jinkwadra ruħu fil-prinċipji ***contra non valentem agere non curat praescriptio***, u cioe, illi l-preskrizzjoni ma tiddekorrix f'każ fejn persuna kellha xi impediment illi żammha milli tieħu azzjoni, u ***actione non natae non praescribitur***, u cioe, illi l-preskrizzjoni ma tistax tibda tiddekorri fejn ma jkunx għadu ġie fis-seħħ dritt t'azzjoni;

26. Dwar il-prinċipju ***contra non valentem agere non curat praescriptio***, irriteniet il-Qorti tal-Appell (Superjuri) fis-sentenza fl-ismijiet ***Diego Attard et noe vs Angelo Fenech***[4]:

> *Il-priniċipju rakkjuż f'din l-aforisma jidher li kien jirċievi mill-Qrati u d-dottrina applikazzjoni l-aktar svarjata għal kull xorta ta' mpediment ta' dritt jew ta' fatt, fiż-żmien anterjuri għall-modifikazzjoni tal-liġijiet dwar il-preskrizzjoni. Fi żmien posterjuri qamu dissensi kbar dwar il-validita' u l-applikazzjoni tiegħu. Kien hemm dawk li nnegawlu b'mod assolut kwalunkwe effikaċja in kwantu li ma rrikonoxxewx ħlief l-impedimenti espressament miktuba fil-liġi (e.g. Laurent Vol. XXXII § 39 et seq). Oħrajn bħal Giorgi (Vol VIII § 245 et seq) illimitaw l-applikazjoni tiegħu għall-impedimenti ta' natura ġuridika jew legali biss, u mhux ukoll għall-ostakoli merament ta' fatt huma x'inhuma. Oħrajn, fl-aħħarnett, akkoljew dak il-massima tradizzjonali*

[4] Qorti tal-Appell (Superjuri), 15 ta' Frar 1965, Kollez. Vol. XLIX.I. p. 50 *et seq*.

*relativament tant għall-ostakoli ta' fatt u rriduċew il-kwistjoni għal riċerka tal-limiti li fihom setgħet, konsistement mal-liġi, tiġi applikata. Fost dawn ta' l-aħħar kien Pugliese (Prescrizione Estintiva E. 1914 § 96-97). Hu għallem illi d-determinazzjoni tal-konfini li fihom il-massima topera m'hix vinkolata "ad una misura preventivamente stabilita ed inflessibile, ma varia da caso a caso, da luogo a luogo, da tempo a tempo:" Iżda hu neċessarju illi, si tratta, f'kull każ, ta' vera forza maġġuri: "quindi apparisce anzi tutto necessario che l'impedimento sia di tale energia da togliere in modo assoluto la possibilita' di agire. La difficolta' anche massima non puo bastare ... La impossibilita' di agire deve essere indipendente dalla volonta del titolare del diritto, deve cioe derivare da una causa a lui estranea, che egli non possa rimuovere e alla cui azione non possa sottrarsi. Quando concorrono cotali requisiti, l'impedimento fa luogo alla sospensione della prescrizione con tutti i correlativi effetti."*

*Quddiem il-Qorti tagħna, il-kwistjoni ma tidherx illi pprezentat ruħha għad-deċiżjoni formali drabi biżżejjed biex jista' jingħad illi ġiet stabbilita ġurisprudenza f'sens milli pjuttost f'ieħor minn dawk hawn fuq imsemmija. Jidher pero li jista' jingħad b'ċerta assigurazzjoni illi l-Qrati tagħna urew ruħhom disposti li jagħtu effett lill-massima "contra non valutem agire", almenu żgur għal dawk li huma mpedimenti ta' dritt (cfr. e.g. "Bianco vs Demarco" App. Kummerċ. 2.6.1930 u "Koludioviah vs. Muscat" App. Kummerċ. 1.6.1959).*

*Għandu jiġi osservat illi l-liġi tagħna, b'disposizzjoni espressa, tiddisponi bħala regola ġenerali illi l-preskrizzjoni ta' azzjoni tiddekorri mill-ġurnata li fiha dina l-azzjoni tista' tiġi eżerċitata. Din hi raġuni għaliex għandha tiġi gwarda*

*b'ċirkospezzjoni d-dottrina u l-ġurisprudenza estera bażati fuq liġijiet fejn m'hemmx disposizzjoni espressa simili.*

*Fil-każ preżenti l-Qorti ma tħossx il-bżonn li tiddeċiedi definitivament jekk, skond il-liġi tagħna, għandhomx ukoll jiġu ammessi, bħala kawża oġġettiva ta' sospensjoni tal-preskrizzjoni, l-impedimenti ta' fatt. Tista' pero tgħid illi, anki jekk dawn huma ammessi, dan żgur ma jistax ikun oltre il-konfini traċċjati minn Pugliese kif imsemmi hawn fuq.*

26. Intqal ukoll imbagħad b'referenza għall-istess prinċipju legali fis-sentenza fl-ismijiet ***Johan Carabott et vs Emmanuel sive Leli Busuttil et*** suċitata:

*Illi dan il-prinċipju huwa mibni fuq il-massima li* actioni non natae non praescribitur. *L-awturi Baudry-Lacantinerie u Tissier f'dan ir-rigward jgħallmu li "Quanto alla prescrizione estintiva, il suo corso comincia in principio a partire dal giorno in cui e' nato il diritto o l'azione che e' destinata ad estinguere..."* [*Trattato Teorico-Pratico di Diritto Civile: Della Prescrizione,* Cap XII, § 364 pag. 279] *Iżjed 'il quddiem iżidu jgħidu illi "La prescrizione estintiva in materia di diritti eventuali non decorre evidentemente se non dopo il verificarsi dell'evento che fa' nascere il diritto rimasto fin allora puramente eventuale"* [*op. cit.* § 393 bis, pag. 306]

27. Meqjusa dawn iż-żewġ prinċipji legali flimkien, dak illi ġie spjegat mill-Qrati Maltin, għalhekk, in suċċint, huwa illi:

(i) bħala regola ġenerali, il-preskrizzjoni tibda tiddekorri minn dakinhar illi l-azzjoni tista' tiġi eżerċitata, ai termini tal-Artikolu 2137 tal-Kap 16; **<u>iżda</u>**:

(ii) il-preskrizzjoni ma tibdiex tiddekorri fejn ikun hemm xi impediment ta' natura ġuridika jew legali illi jżomm lil persuna milli tieħu azzjoni;

(iii) il-preskrizzjoni ma tibdiex tiddekorri fejn ikun hemm xi impediment ta' natura fattwali illi jkun indipendenti mill-volonta' tal-persuna illi tkun qed tavvanta l-pretensjoni; u

(iv) il-preskrizzjoni tibda tiddekorri minn meta jitwieled id-dritt t'azzjoni.

**Minn dan, din il-Qorti tiddeduċi illi l-fatt illi dritt t'azzjoni jkun għadu ma ġiex fis-seħħ jikkostitwixxi impediment fattwali illi jimpedixxi lil persuna milli tieħu azzjoni ġuridika, bil-konsegwenza illi t-terminu preskrittiv <u>ma jibdiex jiddekorri qabel ma jiġi fis-seħħ l-istess dritt t'azzjoni</u>;**

28. Il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), fis-sentenza fl-ismijiet ***Ratan Mohnani vs Carmelo Stivala***[5], xeħtet ftit iktar dawl fuq il-punt illi fih jista' jitqies illi ġie fis-seħħ dritt t'azzjoni. F'din il-kawża, il-Qorti tal-Appell kellha quddiemha sitwazzjoni fejn il-konvenut kien intavola mandat ta' qbid kawtelatorju fil-konfront tal-attur, u esegwih qabel ġiet deċiża l-kawża dwar il-pretensjoni kreditorja tal-konvenut fil-konfront tal-attur. Konsegwentement, l-attur fetaħ din il-kawża għad-danni minnu sofferti per konsegwenza tal-fatt illi l-mandat kawtelatorju kien ġie esegwit intempestivament mill-konvenut, u l-konvenut eċċepixxa l-preskrizzjoni ai termini tal-Artikolu 2153 tal-Kap 16. Għalkemm il-mertu tal-kawża kien differenti minn dak tal-kawża odjerna, dak enunċjat mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) jsib applikazzjoni għaċ-ċirkostanzi tal-kawża odjerna, in kwantu jirrigwarda azzjoni għal danni ċivili li ġiet intavolata wara illi l-pretensjoni tal-attur għal danni ċivili ġiet fis-seħħ per kawża ta' deċiżjoni oħra:

> *[...] [J]ibda biex jiġi reġistrat illi kif jingħad fl-Artikolu 2137 Kodiċi Ċivili, "bla ħsara ta' disposizzjonijiet oħra tal-liġi, il-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda minn dak in-nhar li din l-*

[5] Appell Ċivili Nru 306/2006/1, Qorti tal-Appell (Inferjuri), Onor Imħ Philip Sciberras, 11 ta' Ġunju 2010

*azzjoni tista' tiġi eżerċitata, mingħajr ma jittieħed qies ta' l-istat jew tal-kundizzjoni tal-persuna li lilha din l-azzjoni tmiss". Hu spjegat mill-Qorti ta' l-Appell Superjuri illi "t-test li trid il-liġi allura kien dak oġġettiv, dipendenti mill-fatt li minnhom joriġina d-dritt ta' l-attur li jaġixxi, mhux it-test soġġettiv għall-persuna ta' l-attur, u cjoe jekk din kinitx jew le f'kundizzjoni li taġixxi, tkun xi tkun ir-raġuni" (**Raphael Micallef –vs- Anthony Agius**, 6 ta' Ottubru 2000. Evidentement, imbagħad "iż-żmien hu dak li fih tkun twieldet l-obbligazzjoni, u li fih ikunu twieldu d-dritt u l-azzjoni konsegwenzjali" (**Joseph Stivala –vs- Prof. Joseph Colombo**, Prim'Awla, Qorti Ċivili, 9 ta' Jannar, 1953). F'dan il-każ trattasi ta' reklam għad-danni temerarji, id-dies a quo għall-eżerċizzju ta' l-azzjoni ma setax ħlief jiddependi mill-finalita' tal-kawża li permezz tagħha l-konvenut azzjonat (attur fil-kawża Numur 48/98) kien ressaq il-pretensjoni kreditorja tiegħu. Jikkonsegwi illi la d-dritt fl-attur odjern twieled mad-deċiżjoni mogħtija mill-Prim'Awla, id-dekorriment taż-żmien kellu l-bidu tiegħu minn dan il-ġudizzju finali, u mhux mid-data ta' l-emissjoni tal-Mandat ta' Qbid kawtelatorju li, wara kollox, l-istess Qorti Prim'Awla kien hekk dehrilha li kellu jibqa' fis-seħħ pendenti l-eżitu tal-proċeduri. Jiġi minn dan illi ż-żmien prefiss fl-Artikolu 2153 Kodiċi Ċivili ma kienx għadu ġie estint meta ġiet proposta l-azzjoni fid-9 ta' Ottubru 2006. [...]*

29. B'mod simili ġiet deċiża wkoll is-sentenza fl-ismijiet ***St George's Park Company Limited vs Dr. Hugh Peralta***[6] minn din il-Qorti kif diversement presjeduta, fejn ġie spjegat:

[6] Rik Ġur Nru 1062/2017, Qorti Ċivili (Prim'Awla), Onor Imħ Robert G Mangion, 31 ta' Jannar 2019 (in ġudikat)

*Illi l-ġurisprudenza tgħallimna li l-preskrizzjoni ma tiddekorrix meta persuna tkun impeduta jew imwaqqfa milli taġixxi fil-każ fejn l-eżerċizzju ta' azzjoni proċesswali tiddependi minn pronunzjament ieħor u allura ma jistax jiddekorri l-perjodu preskrittiv. B'sentenza fl-ismijiet* ***Xuereb vs Zammit*** *mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kummerċjali fid-9 ta' Marzu 1994 ingħad li:*

> *"... meta tkun sentenza tal-Qrati li toħloq id-dritt ta' azzjoni, isegwi illi l-azzjoni ġudizzjarja tista' tinbeda biss wara dik is-sentenza u li, wkoll, minn dik id-data tista' tibda tiddekorri l-preskrizzjoni. Mentri meta sentenza tkun sempliċiment dikjaratorja ta' x'kienet il-posizzjoni ġuridika korretta qabel beda l-proċediment, allura, huwa daqstant ieħor ċar li tali sentenza m'għandha ebda rilevanza la għal meta l-azzjoni tal-kreditur setgħet tiġi intavolata u konsegwentement, għad-data li minnha bdiet tiddekorri l-preskrizzjoni."*

*Illi t-terminu tal-preskrizzjoni jista' jkun sospiż fil-każ biss li jkun hemm impediment ta' dritt jew ċirkostanza li jaħseb għaliha l-art. 2125, pero' mhux minħabba impediment ta' fatt, u dan in omaġġ għall-prinċipju ġia msemmi li* contra non valentem agere non currit praescribitur. *Illi kif enunċjat minn din il-Qorti diversament presjeduta fid-deċiżjoni tat-13 ta' Ottubru 2004 fl-ismijiet* **Bomber Ltd vs Valtex Ltd** *l-impedimenti ta' fatt huma eċċezzjonali u kontemplati mil-liġi stess:*

> *"In effetti fl-ordinament ġuridiku tagħna l-prinċipju* "contra non valentem agere non currit praescriptio" *issib applikazzjoni biss fil-każijiet ta'*

*sospensjoni (Artikolu 2122 u Artikolu 2123 tal-Kodiċi Ċivili) jew f'dak fejn eċċezzjonalment il-liġi tagħti ċerta rilevanza lil ċerti ostakoli materjali għall-eżerċizzju tad-dritt. Ad exemplum, il-preskrizzjoni fl-azzjoni ta' annullament ta' kuntratt minħabba vizzju ta' kunsens u li skont l-Artikolu 1223(1), Kodiċi Ċivili tibda tiddekorri mill-jum li fih tiċċessa l-vjolenza jew ikun skopert il-qerq. **<u>Jew fil-każ fejn l-azzjoni ġudizzjarja li tkun qed tiġi eżaminata biex jiġi stabbilit jekk hemmx preskrizzjoni jew le, tkun neċessarjament tiddependi minn pronunzjament ġudizzjarju ieħor li, sakemm ma jiġix pronunzjat, ma jippermettix li l-perkors tal-perjodu preskrittiv jibda u jibqa' miexi</u>**. Ara a propożitu "**Bartolomeo Xuereb –vs- Carmelo Zammit**", Appell Kummerċjali, 9 ta' Marzu 1994 u "**Moses Bugeja –vs- Joseph Delceppo**, Appell, 6 ta' Ottubru 2000."*[7]

30. Din il-linja ta' ġurisprudenza twassal preċiżament għall-istess konklużjoni illi waslet għaliha din il-Qorti, u cioe illi f'każ fejn id-dritt t'azzjoni jirriżulta minn deċiżjoni f'kawża oħra, il-preskrizzjoni tibda tiddekorri minn meta tiġi deċiża l-kawża l-oħra, u mhux minn meta tkun ġrat il-ħsara per se. Dan stante illi d-dritt t'azzjoni jkun "twieled" permezz tad-deċiżjoni mogħtija fil-kawża l-oħra;

31. Hekk ukoll, per eżempju, fis-sentenza fl-ismijiet ***Helen Schembri et vs Anthony George Zahra noe***[8], il-Qorti kienet rinfaċċjata f'sitwazzjoni fejn ir-rikorrenti kienu jikru lis-soċjeta' konvenuta fond kummerċjali, u fis-sena 1994 intavolaw kawża għall-iżgumbrament tas-soċjeta'

[7] Emfasi miżjud minn din il-Qorti.
[8] Appell Ċivili Nru 449/2004/1, Qorti tal-Appell (Superjuri), 28 ta' Settembru 2012

konvenuta mill-istess fond. Is-soċjeta' konvenuta baqgħet tokkupa l-fond sas-sena 2004, meta ġiet deċiża l-kawża b'mod definittiv. Wara illi din il-kawża ġiet deċiża favur tagħhom, ir-rikorrenti intavolaw kawża oħra illi permezz tagħha talbu kumpens għall-okkupazzjoni illegali u illeċita tal-fond kummerċjali għall-perjodu bejn l-1994 u l-2004, u s-soċjeta' konvenuta eċċepiet il-preskrizzjoni. Il-Qorti marret pass oltre mil-linja ġurisprudenzjali msemmija aktar 'il fuq, u qalet illi:

> *Meta talba għal ħlas tad-danni setgħet issir, iżda ma saritx, f'kawża li deċiżjoni fuq il-meritu tagħha tkun dipendenti dik it-talba, wieħed ma jistax jgħid li kien "oġġettivament impedut" milli jitlob id-danni għax kien qed jistenna l-eżitu tal-ewwel kawża. Kif jgħid il-Giorgi fit-"Trattato delle Obbligazioni" (Vol. Viii pag. 444 para. 281), ikun hemm impediment oġġettiv:*
>
> *"quando l'azione sperimentata tende a constatare un diritto per servire di base ad un altro diritto, il quale non puo' essere frattanto eservitato nemmeno con domanda sussidiaria, o come dicono i curiali, per mezzo di conclusioni subordinati ... pero' non basta che il diritti siano incompatibili e l'uno debba risultare quale conseguenza dell'altro, se il giudice adito sia competente su entrambi: perche' allora l'attore puo' formulare conclusioni subordinate. Ad esempio, chi domanda l'adempimento di una obligazione "in forma specifica" non e dispensato dal domandare il risarcimento per equipollens col mezzo di conclusioni subordinate."*

32. Mill-prinċipji legali premessi kif enunċjati mill-Qrati nostrana, din il-Qorti hija tal-fehma illi tlieta huma t-testijiet illi għandha tapplika sabiex tiddetermina jekk l-azzjoni odjerna hix preskritta jew le, u cioe s-segwenti:

i. Jekk id-dritt t'azzjoni kienx diġa jeżisti qabel ġiet intavolata l-kawża l-oħra (fil-każ odjern, il-kawża Kostituzzjonali intavolati mir-rikorrenti);

ii. Fil-każ illi kien diġa jeżisti: jekk (a) kienx hemm xi ostakolu illi impedixxa lir-rikorrenti milli jeżerċitah, u (b) fil-każ illi kien hemm ostakolu ta' din ix-xorta, jekk tali ostakolu kellux jissospendi t-terminu preskrittiv sakemm tiġi determinata l-kawża l-oħra;

iii. Fil-każ illi ma kienx diġa jeżisti, jekk twelidx mill-pronunzjament ġudizzjarju mogħti fil-kawża l-oħra;

33. F'dak illi jirrigwarda s-**sospensjoni** tat-terminu preskrittiv kif imsemmija f'ġurisprudenza suċitata, din il-Qorti tislet is-segwenti prinċipji:

a. il-perjodu preskrittiv jibda jiddekorri minn meta sseħħ l-azzjoni illi dwarha tkun qed tiġi lamentata l-"ħsara" (fil-każ odjern, it-tkeċċija tar-rikorrenti mill-Korp tal-Pulizija);

b. **<u>iżda</u>** jiġi sospiż sakemm jingħata pronunzjament dwar jekk effettivament hemmx dritt t'azzjoni fir-rigward ta' tali "ħsara" jew le (fil-każ odjern, il-kawżi Kostituzzjonali intavolati mir-rikorrenti, kemm f'Malta kif ukoll quddiem il-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem fi Strasburgu); u

c. jekk il-pronunzjament dwar jekk effettivament hemmx dritt t'azzjoni ikollu eżitu favorevoli għal min qiegħed jilmenta l-"ħsara", biex b'hekk jinħoloq id-dritt t'azzjoni *per se*, **<u>jerġa' jibda jiddekorri t-terminu preskrittiv ta' sentejn</u>** mid-data tad-deċiżjoni tal-kawża illi minnha jkun ġie naxxenti d-dritt t'azzjoni;

34. Meta wieħed idur, imbagħad, għall-każ odjern, din il-Qorti tagħmel is-segwenti osservazzjonijiet:

a. Id-data illi fiha tkeċċiet ir-rikorrenti mill-Korp tal-Pulizija kienet il-21 ta' Diċembru 2006. Dan jirriżulta kemm mix-xhieda ta' l-**iSpettur Saviour Baldacchino**[9], kif ukoll minn **Dok SB2** minnu esebit waqt l-istess seduta[10];

b. Il-kawża fl-ismijiet ***Grace Gatt vs Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku et*** (Rikors Nru 6/2009) ġiet intavolata permezz ta' rikors quddiem il-Qorti Ċivili (Prim'Awla) (Sede Kostituzzjonali) preżentat nhar it-18 ta' Frar 2009, u deċiża mill-istess Qorti fl-14 ta' Lulju 2015[11];

c. L-Appell quddiem il-Qorti Kostituzzjonali mir-Rikors Nru 6/2009 ġie intavolat mir-rikorrenti permezz ta' rikors t'appell ippreżentat fid-29 ta' Lulju 2015, u ġie deċiż b'mod definittiv nhar it-12 ta' Frar 2016[12];

d. Il-kawża quddiem il-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem ġiet intavolata nhar il-5 t'Awwissu 2016 u ġiet deċiża nhar it-8 t'Ottubru 2019, b'dana illi ġiet effettivament meqjusa bħala finali nhar it-8 ta' Jannar 2020[13];

e. Ir-rikorrenti ressqet pretensjoni għad-danni kif mitluba fil-kawża odjerna permezz t'ittra uffiċjali spedita lill-konvenut, datata 22 ta' Ġunju 2020 (ittra uffiċjali numru 1633/2020)[14];

f. Din il-kawża ġiet intavolata permezz ta' rikors ġuramentat tar-rikorrenti ppreżentat nhar id-29 ta' Lulju 2021;

35. Il-Qorti tirrikonoxxi l-fatt illi l-kwestjoni dwar il-leżjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti ġiet deċiża b'mod finali nhar it-8 ta' Jannar

---

[9] Xhieda mogħtija viva voce waqt is-seduta tal-11 ta' Frar 2022
[10] Vide **Dok SB2** a fol 42 tal-proċess
[11] Vide proċeduri tal-kawża Kostituzzjonali Rik Nru 6/2009 kif allegati.
[12] Vide proċeduri tal-kawża Kostituzzjonali Rik Nru 6/2009 kif allegati.
[13] Vide **Dok KP1** annessa mar-risposta ġuramentata, a fol 8 *et seq* tal-proċess tal-kawża odjerna
[14] Vide ittra uffiċjali ppreżentata waqt is-seduta tat-12 ta' Novembru 2021 a fol 38 tal-proċess tal-kawża odjerna

2020, u li l-kawża odjerna ġiet intavolata inqas minn sentejn minn din id-data, b'dana illi jidher illi jekk il-perjodu preskrittiv kellu jibda jiddekorri mit-8 ta' Jannar 2020, jirriżulta illi r-rikorrenti ressqet il-pretensjoni tagħha tempestivament, u cioe qabel ma skada t-terminu preskrittiv ai termini tal-Artikolu 2153 tal-Kap 16;

36. Madanakollu, il-Qorti tinnota wkoll illi l-kawża Kostituzzjonali quddiem il-Qorti Ċivili (Prim'Awla) (Sede Kostituzzjonali) ġiet intavolata sentejn u xahrejn wara t-tkeċċija tar-rikorrenti, u cioe sentejn u xahrejn wara illi seħħ il-fatt illi kkawża l-"ħsara" illi għaliha r-rikorrenti qiegħda tavvanta pretensjoni għad-danni ċivili;

37. Minkejja illi huwa minnu illi r-rikorrenti għażlet illi tipproċedi b'kawża Kostituzzjonali, din il-Qorti tosserva illi r-rikorrenti kellha kull dritt illi tattakka d-deċiżjoni illi permezz tagħha sfat imkeċċija, b'dana illi setgħet titlob ukoll danni ċivili. Jekk ma riditx tidħol fi spejjeż ġudizzjarji żejda qabel tiġi deċiża l-kawża Kostituzzjonali, setgħet ukoll, mill-inqas, tippreżenta protest ġudizzjarju jew ittra uffiċjali sabiex tinterrompi l-preskrizzjoni għad-danni ċivili qabel intavolat il-kawża Kostituzzjonali. Huwa minnu illi s-sentenza tal-Qorti Ewropea affermat dak illi r-rikorrenti kienet ilha tinsisti għal snin twal, u cioe illi hija kienet sofriet leżjoni tad-dritt fundamentali tagħha għal smigħ xieraq, iżda madanakollu d-dritt tagħha illi tattakka d-deċiżjoni fil-Qrati Ċivili u titlob likwidazzjoni tad-danni minnha sofferti kien jeżisti saħansitra anke **qabel** intavolat il-kawża Kostituzzjonali, u ma twelidx bis-saħħa tad-deċiżjoni tal-Qorti Ewropea;

38. Meħuda in konsiderazzjoni l-prinċipji legali suesposti, din il-Qorti hija tal-fehma illi l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni mressqa mill-konvenut għandha għalhekk tintlaqa', u dan stante illi għalkemm il-proċeduri Kostituzzjonali kienu effettivament jikkostitwixxu impediment fattwali fid-definizzjoni mogħtija mill-Qrati nostrana, tali proċeduri ġew intavolati **wara illi kien diġa skada t-terminu preskrittiv għal danni ċivili illi kien beda jiddekorri mid-data tat-tkeċċija tar-rikorrenti**. Li

kieku l-proċeduri Kostituzzjonali kienu ġew intavolati qabel, u cioe fil-perjodu ta' sentejn mit-tkeċċija tar-rikorrenti mill-Korp tal-Pulizija, jew li kieku r-rikorrenti kienet ressqet xi forma ta' pretensjoni għal danni ċivili permezz ta' protest ġudizzjarju u/jew ittra uffiċjali fl-istess perjodu, il-perjodu preskrittiv ai termini tal-Artikolu 2153 tal-Kap 16 kien jiġi interrott, b'dana illi l-perjodu preskrittiv kien imbagħad jerġa' jibda jiddekorri mid-data tat-8 ta' Jannar 2020; iżda, madanakollu, dan ma kienx il-każ. Id-dritt t'azzjoni tar-rikorrenti għal danni ċivili "twieled" meta tkeċċiet mill-Korp tal-Pulizija fil-21 ta' Diċembru 2006, u laħaq "miet" sa meta ġew intavolati l-proċeduri Kostituzzjonali, b'dana illi ma setax jerġa jiġi "rixxuxitat" bis-sentenza tal-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem;

39. B'referenza għal dak sostnut mir-rikorrenti illi kienet il-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem illi, fis-sentenza tagħha, tat lir-rikorrenti xi dritt t'azzjoni għal danni ċivili billi astjeniet milli tieħu konjizzjoni ta' *"the applicant's claim for pecuniary damage without prejudice to any further remedies she may seek domestically"*[15], din il-Qorti ma taqbilx mar-rikorrenti illi b'dan l-enunċjament il-Qorti Ewropea tatha xi *carte-blanche* illi tfittex għad-danni; **<u>anzi</u>** huwa ċar mill-istess kliem tal-Qorti Ewropea illi kwalsiasi dritt t'azzjoni illi kellha l-attriċi kellu jkun determinat mil-liġi domestika. Difatti l-Qorti Ewropea tuża l-kelma *"may"* illi tindika possibilta', u cioe rimedji illi <u>jista' jkollha</u> jew <u>hemm possibilita' illi jkollha</u> f'Malta. Huwa minnu illi r-rikorrenti kellha l-possibilta' illi tressaq azzjoni għal danni ċivili, iżda sfortunatament id-dritt t'azzjoni tagħha waqa' bil-preskrizzjoni ta' sentejn illi bdew jiddekorru mit-tkeċċija tagħha u baqgħu ma ġewx sospiżi, sakemm eventwalment it-terminu preskrittiv skada. Din il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet ***Eleni Papadopoulou noe et vs Direttur Ġenerali tal-Artijiet u Reġistru Pubbliku et***[16], fejn il-Qorti tal-Appell qalet:

[15] Vide §97 fis-sentenza esebita bħala **Dok KP1** mar-risposta ġuramentata, a fol 8 tal-proċess.
[16] Appell Ċivili Nru 546/2008/1, Qorti tal-Appell (Superjuri), 31 ta' Jannar 2014

*L-atturi jgħidu li t-terminu ta' preskrizzjoni kien ġie sospiż sakemm ġiet deċiża l-kawża fuq il-validita' tal-kuntratt ta' trasferiment minn din il-Qorti fis-6 ta' Lulju 2007. Il-liġi ma tipprovdix sospensjoni tat-terminu tal-preskrizzjoni minħabba dan l-allegat impediment, pero' id-duttrina u l-ġurisprudenza, in omaġġ għall-prinċipju Ruman* contra non volentem agere non currit prescriptio*, aċċettaw, f'ċerti ċirkostanzi limitatissimi, li jistgħu jeżistu ċirkostanzi li jissospendu l-mixja tat-terminu ta' preskrizzjoni. Waħda minn dawn iċ-ċirkostanzi hija meta d-dritt tal-azzjoni jinħoloq f'kawża, b'mod li allura wieħed ikun fl-impossibilita' li jaġixxi qabel ma tiġi deċiża dik il-kawża.*

*Dan ma jfissirx, pero', li meta sentenza sempliċement "tirriserva" dritt ta' azzjoni si et quatenus, bħal ma ġara f'dan il-każ, hi tkun qed "toħloq" xi dritt ta' azzjoni li ma kienx jeżisti qabel. Meta ssir riserva si et quatenus, kull ma jsir hu li l-Qorti tkun qed tirriserva lill-parti dritt ta' azzjoni jekk jeżisti u jekk disponibbli, pero', ma tkun qed tagħti ebda drittijiet ġodda lil dik il-parti jew b'xi mod tirriavviva dritt ta' azzjoni li jkun ġia' skada.*

Din il-Qorti m'għandha xejn x'iżżid ma' dan il-pronunzjament, u infatti tabbraċċjah u tagħmlu tagħha;

40. **Għaldaqstant din il-Qorti hija tal-fehma illi l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-Kummissarju tal-Pulizija għandha tintlaqa'.**

**Decide**

41. Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:

i. **<u>Tilqa’</u>** l-ewwel eċċezzjoni preliminari sollevata mill-Kummissarju tal-Pulizija, u tiddikjara illi l-azzjoni tar-rikorrenti hija preskritta ai termini tal-Artikolu 2153 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta’ Malta, u konsegwentement

ii. **<u>Tastjeni</u>** milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-talbiet rikorrenti.

Bl-ispejjeż tal-kawża kontra r-rikorrenti Grace Gatt.

**Moqrija.**

**Onor Imħallef Dr Audrey Demicoli LL.D.**

**Dr Graziella Attard**
**Deputat Reġistratur**